**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 13 ta' Ottubru 2020**

Rikors Numru: 186/20 AL

AB

vs

CD

Rat ir-rikors illi ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti kienu żżewġu nhar it-23 ta' Ġunju elfejn u sebgħa (23/06/2007) u minn dan iż-żwieġ għandhom tifel wieħed, Myles, li twieled nhar is-26 ta' Lulju tas-sena elfejn u għaxra (26/07/2010);

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Francesca Portelli ppublikat nhar it-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) filwaqt li s-separazzjoni legali tagħhom ġiet

pronunzjata permezz ta’ sentenza definittiva mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-30 ta’ Jannar, 2018;

3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto mis-sena 2013.

4. Illi assolutament m’hemm ebda pendenzi dwar ħlas ta’ manteniment jew kwistjonijiet oħra bejn il-partijiet ta’ kwalsijasi natura.

5. Illi l-esponenti iddiskutiet mal-avukat tagħha l-Avv Timothy A. Bartolo il-possibilita’ ta’ rikonċiljazzjoni u ingħatat mingħand l-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċess ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin u kkonkludiet li m’hemm assolutament ebda prospett għal rikonċiljazzjoni.

6. Illi m’hemm ebda prospett ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u ż-żewġ kontendenti llum għandhom ħajja ġdida mas-sieħba ġodda rispettivi tagħhom.

7. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha stabbiliti skont il-liġi għall-ħall taż-żwieġ u d-divorzju bejn il-partijiet.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ tagħha mal-intimat CD hu maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien mħolli għal daqshekk minn din il-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi annotat u reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat a fol 45 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tlieta u għoxrin ta’ Ġunju tas-sena elfejn u sebgħa (23/06/2007) u minn dan iż-żwieġ huma kellhom

wild, Myles, illi twieled nhar is-sitta u għoxrin ta’ Lulju tas-sena elfejn u għaxra (25/07/2010);

2. Illi huwa minnu illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli datat tlettax ta’ Frar tas-sena elfejn u sbatax (13/07/2017);

3. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta’ sentenza definittiva mogħtija nhar it-tletin ta’ Jannar tas-sena elfejn u tmintax (30/01/2018) mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kif presjeduta, għalkemm jingħad illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena elfejn u tlettax (2013);

4. Illi l-esponent jikkonferma illi preżentement m’hemmx arretrati ta’ ħlas ta’ manteniment dovut lilu mir-rikorrenti għal wild tal-partijiet Myles, stante l-fatt illi l-kundizzjonijiet elenkati fis-sentenza ta’ separazzjoni tal-partijiet qiegħdin jiġu rispettati;

5. Illi in oltre, preżentement m’hemm ebda arretrati ta’ manteniment bejn il-konjugi;

6. Illi l-esponent jaqbel illi m’hemm ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u llum il-ġurnata, l-partijiet għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi l-esponent qiegħed jikkonferma dawn il-fatti permezz ta’ affidavit, hawn anness u mmarkat bħala Dok ‘A’;

8. Illi għaldaqstant, u għar-raġunijiet surriferiti, l-esponenti mhux jopponi għax-xoljiment taż-żwieġ tal-kontendenti, pero jingħad illi l-esponent ma kellu l-ebda interess illi jieħu dan id-divorzju u m’huwiex lest illi jħallas għall-ispejjeż tiegħu, u għaldaqstant joġġezzjona għall-ħlas ta’ spejjeż abbinati ma’ din il-kawża;

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta’ Lulju, 2020;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex zwieg jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de facto separati mis-sena 2013* u xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Frar, 2017 u s-separazzjoni taghhom giet pronunzjata permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili datat 30 ta' Jannar, 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.